Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 2984/2002

**Goldvest Co. Ltd li topera l-Hotel Imperial**

**Vs**

**Emanuel Calleja**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Dicembru, 2002 fejn gie mitlub illi il-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba` mija sebgha u erbghin Liri Maltin u wiehed u tletin centezmi (Lm447.31) flus illi s-socjeta` attrici hallset bhala paga shiha lill-konvenut meta dan kien marid bil-kundizzjoni li jirrifondi dak li jircievi mis-Sigurta` Socjali.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mit-13 ta' Novembru 1999 kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt in subizzjoni. L-

ispejjes jinkludu mandat ta' qbid ipprezentat fil-11 ta' Dicembru 2002.

Ra r-risposta tal-konvenut tal-21 ta' Jannar 2003, fejn gie eccepit illi (1) It-talba hija infondata fil-konfront tal-konvenut peress illi d-dipartiment tas-Sigurta Socjali ghandu jhallas lill-istess konvenut u mhux lill-kumpanija attrici (2) Ma giex specifikat ghal liema perjodu l-ammont mitlub huwa applikabbli u (3) Fi kwalunkwe kaz, il-konvenut ghandu jiehu minghand il-kumpanija attrici flus izjed minn dawk mitluba.

Sema` x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Sema' t-trattazzjonijiet u ra n-noti ta' sottomissjonijiet maghmula;

Ha konjizzjoni tal-atti kollha tal-kaz;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-llum ghad-decizjoni;

Ikkunsidra :

Illi kif spjega Dr Victor Ragonesi (Seduta 17.02.2002), is-socjeta` attrici qed titlob rifuzjoni ta' ammont illi kien gie mhallas lill-konvenut ghall-perjodu li huwa kien fuq sick-leave u li huwa rcieva minghand s-Social Services ghal dak il-perjodu.

Illi b'sentenza tat-Tribunal Industrijali tal-4 ta' Ottubru 2001 (fol 13), l-istess Tribunal ikkonkluda mill-provi hemmhekk prodotti illi l-konvenut kien zamm l-ammont ta' erba' mija u seba u hamsin Liri Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm457.21) li kien rcieva mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali u zamm ghalih minkejja l-obbligu li kellu li jirrifondi tali ammont lill-kumpanija in kwantu illi kien hemm ftehim f'dan is-sens fil-kuntratt tax-xoghol tieghu u kien thallas l-paga shiha ghall-perjodu li dam bis-sick-leave.

Fl-affidavit tieghu (fol 42) il-konvenut, filwaqt illi jispjega illi kien wegga` fuq il-post tax-xoghol u li kien rcieva hlas mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali, jghid wkoll illi kien jghaddi tali flus lill-lukanda peress illi kien jiehu l-paga shiha. B'dana kollu jghid wkoll illi mhux minnhu illi kien hemm xi ftehim bil-miktub li haddiem jghaddi l-flus li jkun rcieva bhala beneficcju socjali dritt lill-Employer.

Filwaqt illi l-konvenut jispjega illi hu ghandu jiehu flus minn ghand is-socjeta` attrici ta' leave li ma kienx ha addirittura anke kif ha parir mill-Labour Office u li allura l-ammont minnhu mitlub f'din il-kawza ghandu jigi pacut mas-somma lilu dovuta.

In kontro-ezami (fol 55) il-konvenut jghid illi "*parti mill-ammont li jiena rcevejt minghand is-Sigurta` Socjali zammejtu minhabba l-kwistjoni li nqalghet dwar il-leave li ma ridx jigi koncess lili mis-socjeta` attrici….*"

Lino Vassallo, rapprezentant UHM (fol 59) jghid wkoll illi "*il-konvenut kien indikali illi huwa kien zamm dan l-ammont stante illi s-socjeta` attrici kienet qed tallega li parti mill-leave li kien ha ma kienx intitolat li jiehdu*".

Mario Gatt, Spettur fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi jghid (fol 63) l-ammont illi hu kkalkula illi l-konvenut kellu jiehu minn ghand is-socjeta` attrici huwa ta' tmien mija u tmien Liri Maltin u disa' u erbghin centezmu (Lm808.49) u li persuna li tkun fuq injury leave hija bil-ligi intitolata ghall-hlas tal-leave u l'festi pubblici.

Kemm Charles Selvaggi, (fol 96) ex-General Manager tas-socjeta` attrici u kif wkoll Albert Galea, (fol 102) ex-Financial Controller tas-socjeta` attrici jikkonfermaw li kien hemm arrangamenti applikabbli ghall-haddiema kollha illi stante illi haddiem jiehu l-paga shiha meta fuq sick/injury leave – kull kumpens moghti mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali jigi rifuz lill-kumpanija.

Illi issir referenza ghall-Artikolu 36 sub-artikolu 15(a) tal-KAP 452 tal-Ligijiet ta' Malta illi jispecifika illi *matul il-perjodu ta' inkapacita` ta' impjegat, l-istess impjegat ikollu*

*dritt ghall-paga imnaqqsa b'kull beneficcju ghall-korriment li jithallas skond l-Att dwar is-Sigurta` Socjali ….*

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi din il-kawza ilha pendenti issa ghal aktar minn erba` snin u dan it-Tribunal jinnota illi dan gara partikolarment ghaliex tressqu hafna provi inutili u fuq kollox ghaliex kien hemm numru kbir ta` seduti li fihom intalab differiment minn naha jew minn ohra.

Anke jekk dan it-Tribunal irrimarka fuq hafna provi inutili – xhiedha u dokumenti – b'dan kollu xorta wahda ha konjizzjoni taghhom, anke jekk il-konvenut naqas illi jippresenta kontro-talba u ghalhekk ressaq hafna provi illi ma setghux jissostanzjaw pretensjoni tieghu ghax pretensjoni ma ressaqx, filwaqt illi ma jservu ghal xejn biex jissostenja l-eccezzjonijiet tieghu.

Mill-provi kollha prodotti, dan it-Tribunal ihoss illi jista` jikkonkludi z-zewg punti rilevanti ghad-determinazzjoni ta' din il-kawza :

(a) Illi l-konvenut kellu obbligu li jirrifondi dak li kien rcieva mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali, u di fatti s-somma mitluba pretiza mis-socjeta` attrici ta' erba' mija u sebgha u erbghin Liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm447.31) hija bilanc minn somma akbar, in kwantu illi l-konvenut kien beda jirrifondi l-istess flus li kien rcieva u waqaf ghar-raguni minnhu moghtija u hawn fuq msemmija.

(b) Illi fin-nuqqas ta' kontro-talba mressqa mill-konvenut, anke jekk fis-sustanza l-konvenut ghandu ragun jitlob il-hlas ta' tmien mija u tmien Liri Maltin u disa' u erbghin centezmu (Lm808.49) – haga illi dan it-Tribunal mhux qed jiddikjara ruhu fuqha – in kwantu ma saritx kontro-talba, dan it-Tribunal ma jhossx illi dan kollu b'xi mod jista` jippregudika t-talba attrici.

Illi wara kollox il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal hija limitata ghal dak dikjarat fl-Artikolu 3 tal-KAP 380 tal-

Ligijiet ta' Malta, "*biex jisma` u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira*" u gia la darba dan it-Tribunal ghandu 'claim' wahda biss – dik tas-socjeta` attrici – hija biss dik il-pretensjoni li jista` jiddetermina.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha it-Tribunal ma jifdallu ebda triq ohra ghajr illi jichad it-tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut.

Ghaldaqstant, tenut kont dan kollu, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, jilqa` t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin Liri Maltin u wiehed u tletin centezmu (Lm447.31) bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------